

# OMBUDSPLAN 2026

TRADUZZJONI

OMBUDSMAN

30 Years 1995-2025

Protecting rights
Ensuring fairness
Standing for justice
Fostering good governance

OMBUDSMAN

Address: 11/12, St Paul Street, Valletta, VLT1210
Email: office@ombudsman.org.mt
Tel: +356 2248 3200, 2248 3216

Office opens to the public as follows:

| | |
|---|---|
| October – May | 08:30am – 12:00pm |
| | 01:30pm – 03:00pm |
| June – September | 08:30am – 12:30pm |

Website: www.ombudsman.org.mt
Facebook: Ombudsman Malta

A publication of The Office of the Ombudsman
September 2025

# OMBUDSPLAN 2026

OMBUDSMAN

30 Years
1995-2025

Protecting rights
Ensuring fairness
Standing for justice
Fostering good governance

# WERREJ


**OMBUDSPLAN 2026** **2**

IL-LIĠI 2

L-GĦANIJIET 2

**ATTIVITAJIET GĦALL-2026** **3**

ĦIDMA TA' OUTREACH KONSISTENTI 3

**OPPORTUNITAJIET MITLUFA** **6**

MIŻURI MHUX IMWETTQA 6

**DIMENSJONI INTERNAZZJONALI** **13**

**LECTURES TEMATIĊI** **13**

**OSSERVAZZJONIJIET TAL-AĦĦAR** **14**

**FINANZJAMENT** **14**

**ANALIŻI TAL-ĦIDMA** **16**

**EQREB LEJN IL-PUBBLIKU** **23**

**PJAN FINANZJARJU** **30**

## IL-LIĠI

Għall-finijiet ta' dan id-dokument, qed issir referenza għat-Taqsima 10(4) tal-Att dwar l-Ombudsman tal-1995 (Kapitolu 385 tal-Liġijiet ta' Malta) li jispeċifika li l-finanzi meħtieġa għas-salarju u l-allowances tal-Ombudsman u għar-riżorsi tal-Uffiċċju tiegħu m'għandhomx jaqbżu l-ammont massimu indikat fl-Ombudsplan li jiġi approvat mill-Kamra tad-Deputati. Kif ukoll li din in-nefqa ssir mill-Fond Konsolidat mingħajr il-ħtieġa ta' ebda approprjazzjoni ulterjuri, ħlief li l-Ombudsman għandu jippreżenta lill-Kamra sa mhux aktar tard mill-15 ta' Settembru ta' kull sena, Ombudsplan li jelenka l-attivitajiet tas-sena ta' wara. Dan id-dokument u l-kontenut tiegħu huma proprju skont ir-rekwiżiti ta' din id-dispożizzjoni.

## L-GĦANIJIET

L-għanijiet tal-Uffiċċju tal-Ombudsman (li jinkludi l-Kummissarji) huma primarjament l-investigazzjoni ta' ilmenti ppreżentati bil-miktub minn persuni dwar atti jew ommissjonijiet tal-Gvern (kif definit fl-Att dwar l-Ombudsman - Kapitolu 385 tal-Liġijiet ta' Malta) fil-qadi tad-dmirijiet amministrattivi tiegħu. Meta l-ilmenti jkunu sostnuti skont il-liġi, wara li jitqiesu l-fatti u ċ-ċirkostanzi ta' kull każ, dawk il-persuni li jilmentaw jingħataw ir-rimedju li jistħoqqilhom.

Xejn inqas importanti huma żewġ kwistjonijiet ewlenin li jaqgħu taħt il-mandat tal-Uffiċċju u jeħtieġ li jingħataw l-attenzjoni u l-importanza li jixirqilhom. L-ewwel waħda minn dawn hija; l-investigazzjonijiet 'fuq inizjattiva proprja'. Dawn isiru meta ma jiġi mressaq ebda lment bil-miktub, iżda jkun hemm kwistjoni ta' interess pubbliku (għalkemm il-liġi nnifisha ma ssemmix b'mod speċifiku li investigazzjonijiet ta' din in-natura għandhom jitniedu meta l-interess pubbliku jirrikjedi dan). It-tieni kwistjoni hija dik tal-'insistenza persważiva' mal-Gvern, li għandu l-obbligu li jaġixxi u jieħu azzjoni meta jinqalgħu nuqqasijiet amministrattivi, li jinbidel għall-aħjar dak li jeħtieġ jinbidel anke meta hemm reżistenza qawwija interna biex l-affarijiet jitħallew kif inhuma, u t-tneħħija ta' mentalità li lesta tiddefendi u xxekkel akkost ta' kollox biex toġġezzjona l-bidla.

## ATTIVITAJIET GĦALL-2026

### ĦIDMA TA' OUTREACH KONSISTENTI

#### 1. QRIB IL-PUBBLIKU

L-Uffiċċju jemmen bis-sħiħ li l-istituzzjoni teħtieġ li tkun qrib in-nies u viċin it-tħassib tagħhom, b'mod partikolari fil-problemi li jiffaċċjaw il-vulnerabbli. Biex din il-fehma soda tibqa' effettiva, anke fil-futur, l-Uffiċċju jrid jinvesti u jinsisti fuq il-ħidma tiegħu fl-attivitajiet ta' outreach, billi joħroġ mill-uffiċċji tiegħu u jiltaqa' ma' kulħadd, jisma' aktar lin-nies, u meta jkun meħtieġ joħroġ b'soluzzjonijiet ekwi u li jistgħu jitwettqu.

#### 2. QRIB L-ENTITAJIET PUBBLIĊI TAL-GVERN

Fil-ħidma tagħhom marbuta mal-qadi xieraq tad-dmirijiet amministrattivi tagħhom, l-entitajiet pubbliċi tal-Gvern (inkluż is-servizz ċivili) għandhom obbligu li jkunu ġusti, trasparenti u kontabbli.

L-entitajiet pubbliċi jaqdu l-interess pubbliku u huma responsabbli biex jagħtu servizzi pubbliċi li huma ekwi u xierqa. Minħabba li l-entitajiet pubbliċi għandhom ikunu leali lejn il-pubbliku, jeħtieġ li jiżguraw li l-pubbliku jikseb ġustizzja, permezz ta' ħidma u mġieba xierqa fl-operazzjonijiet tagħhom, mingħajr ma jwasslu lill-pubbliku biex jirrikorri għal azzjoni ġudizzjarja biex jinforza d-drittijiet tiegħu.

Peress li l-provvediment ta' servizzi pubbliċi adegwati u effiċjenti huwa ċentrali għall-ħajja tan-nies komuni, għall-inqas f'dan il-pajjiż, l-Ombudsman għandu dmir li jissorvelja b'mod pożittiv, b'mod proattiv u li jħares 'il quddiem, bi sforz biex jidentifika d-dgħufijiet u n-nuqqasijiet, dak li mhux qed jaħdem sewwa u l-prattiċi ħżiena fis-servizzi pubbliċi li jkunu jeħtieġu li jiġu rimedjati.

#### 3. ART 22(1) TAL-KAPITOLU 385

Wieħed mill-modi kif jista' jinkiseb u jintlaħaq dan il-għan huwa billi l-entitajiet pubbliċi jkunu konformi b'mod strett mal-Art 22(1) tal-Att dwar l-Ombudsman tal-1995.

L-Art 22(1) jgħid hekk:

> *"Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ikunu japplikaw f'kull każ meta, wara li ssir investigazzjoni bis-saħħa ta' dan l-Att, l-Ombudsman ikun tal-fehma li d-deċiżjoni, rakkomandazzjoni, att jew ommissjoni li kienu l-qofol tal-investigazzjoni –*
>
> *(a) jidhru li jkunu saru kontra dak li trid il-liġi; jew*

*(b) ikunu irraġonevoli, inġusti, oppressivi, jew improprjament diskriminatorji, jew ikunu skont liġi jew xi prattika li tkun jew tista' tkun irraġonevoli, inġusta, oppressiva, jew improprjament diskriminatorja; jew*

*(ċ) ikunu msejsa għal kollox jew f'parti minnhom fuq żball tal-liġi jew ta' xi fatt; jew*

*(d) ikunu ħżiena."*

Din id-dispożizzjoni twitti t-triq li permezz tagħha l-Ombudsman (inklużi l-Kummissarji) ikun jista' jikkonkludi jekk id-deċiżjoni, ir-rakkomandazzjoni, l-att jew l-ommissjoni tas-settur pubbliku kinitx tikser jew tmur kontra l-amministrazzjoni tajba, u għalhekk setgħet titqies bħala amministrazzjoni ħażina. Għal snin sħaħ, din id-dispożizzjoni kienet il-gwida għall-investigazzjonijiet tal-Ombudsman dwar l-imġieba amministrattiva u fformat l-istandards ta' ġustizzja li huma mistennija mill-entitajiet pubbliċi. Għalkemm fis-sistema legali tagħna r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman mhumiex legalment imposti bħala obbligu, madankollu għandhom piż morali u element persważiv konsiderevoli. Meta xi entitajiet pubbliċi jagħżlu li jwarrbu fil-ġenb il-ġustizzja, u jiddependu fuq l-applikazzjoni stretta u riġida tal-leġiżlazzjoni biex isostnu l-azzjonijiet jew in-nuqqasijiet tagħhom, dawk l-entitajiet pubbliċi jkunu qed jiksru l-Art 22(1).

Wieħed irid jirrikonoxxi li t-triq 'il quddiem għal servizz pubbliku kredibbli mhix faċli peress li din tinvolvi bidla kulturali, li biex issir tassew, teħtieġ rieda amministrattiva u politika, flimkien ma' sens qawwi ta' ġustizzja li jrid jitqiegħed fil-prattika. Attitudni liberali mill-entitajiet pubbliċi għall-Art 22(1) tista' tifrex it-triq għal aġġustament kostanti f'titjib tal-istandards tal-ħidma fis-servizz pubbliku.

B'differenza mill-qrati tal-ġustizzja, il-funzjoni tal-Ombudsman mhijiex marbuta u limitata mal- applikazzjoni stretta tal-liġi. L-Art 22(1) jagħti lill-Ombudsman spazju wiesa' biex jixtarr u  jikkunsidra l-ekwità u kemm huma raġonevoli l-atti amministrattivi tal-entitajiet pubbliċi. Dan għaliex l-investigazzjonijiet tal-Ombudsman dwar allegata amministrazzjoni ħażina jistgħu jipproċedu mhux biss fir-rigward ta' azzjonijiet u deċiżjonijiet tal-Gvern, iżda wkoll abbażi ta' regoli u policies inġusti li permezz tagħhom jittieħdu u jiġu adottati deċiżjonijiet tal-Gvern. Għalhekk, il-ġurisdizzjoni tal-Ombudsman tippermetti lill-Uffiċċju li jżomm għajnejh miftuħa għal xi inġustizzja sostantiva li l-qrati jistgħu ma jagħtux rimedju għaliha.

L-Artikolu 22(1) jipprovdi lill-Ombudsman b'lista komprensiva ta' dak li jitqies bħala amministrazzjoni ħażina u huwa strument b'saħħtu biex itejjeb il-governanza. Fil-mandat tiegħu, l-Ombudsman jista' jifforma opinjonijiet u jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar x'inhu irraġonevoli jew dwar dak li jidher li huwa kontra l-liġi, tant hu hekk li l-Ombudsman saħansitra jista' jistabbilixxi li deċiżjoni hija żbaljata jew inġusta anke jekk hija legalment valida. It-termini 'irraġonevoli' jew 'ħżiena' fl-

Artikolu 22(1) għandhom tifsira ta' sens komun ordinarju, ibbażata fuq il-ġustizzja aktar milli fuq standards legali stretti.

Sir Guy Powles, li kien l-ewwel Chief Ombudsman ta' New Zealand, huwa magħruf li sostna pubblikament li l-Ombudsman huwa opportunità għal persuna komuni, li permezz tiegħu deċiżjoni inġusta tiġi mibdula jew rimedjata. Meta wieħed iqis li l-Art 22(1) tal-Kapitolu 385 [li ttieħed kelma b'kelma minn Taqsima 22(1) tal-Att dwar l-Ombudsman ta' New Zealand tal-1975] dik id-dikjarazzjoni titlob li tingħata ħsieb bir-reqqa. Għandha sservi bħala mezz kif dik l-opportunità tinbidel f'realtà, billi tippermetti lill-Ombudsman mhux biss li jidentifika n-nuqqasijiet iżda li jikkonvinċi lill-entitajiet pubbliċi li għandhom jibdluhom għat-tajjeb.

## OPPORTUNITAJIET MITLUFA

Bħala prinċipju, in-nuqqas li jiġu aċċettati w implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman għandu jkun l-eċċezzjoni. Ir-rispons u r-reazzjoni għall-investigazzjonijiet tal-Ombudsman huwa parti minn etika tajba tas-servizz pubbliku. Dawk ir-rakkomandazzjonijiet li ma jiġux implimentati huma opportunitajiet mitlufa għas-servizz ċivili u għall-amministrazzjoni pubblika biex jaġġustaw l-azzjoni tagħhom.

Meta l-ġustizzja u s-sewwa hekk jiddettaw, l-Ombudsman (u dan jinkludi l-Kummissarji) se jkompli jkun il-mutur tal-bidla fil-policies u l-prattiċi tal-Gvern. B'dan il-ħsieb f'moħħu, l-Uffiċċju fl-2026 bi ħsiebu jagħmel kull sforz biex jilħaq lill-entitajiet pubbliċi u jippromwovi l-kultura li hemm il-ħtieġa li b'mod sħiħ għandhom ikunu konformi ma' dak li jirriżulta mill-investigazzjonijiet tiegħu.

## MIŻURI MHUX IMWETTQA

Matul l-2026, l-Uffiċċju se jkompli jistinka permezz tal-persważjoni għat-twettiq ta' miżuri għal benefiċċju tal-interess pubbliku, li s'issa għadhom mixtieqa imma mhux imwettqa.

### (a) <u>KUMITAT MAGĦŻUL AD HOC TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI</u>

F'paġna 13 tal-Ombudsplan għall-2025 (u anke qabel) l-Uffiċċju rrefera għal din il-kwistjoni.

B'dispjaċir, l-Uffiċċju jinnota li din il-kwistjoni għadha mhux solvuta.

Is-sempliċi fatt li r-rapporti finali tal-Ombudsman jiġu preżentati quddiem il-Kamra tad-Deputati ma solviex b'mod tanġibbli l-istagħnar maħluq bin-nuqqas ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-Gvern. L-Uffiċċju jemmen bis-sħiħ li r-rapporti finali li jitressqu quddiem il-Kamra għandhom jiġu riferuti u diskussi fil-pubbliku minn Kumitat Magħżul *ad hoc*.

Dan ikun jeħtieġ emendi għall-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, li jinħarġu bis-saħħa tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-Kumitat Magħżul jista' jinħatar fuq il-linji ta' Kumitati Magħżula oħra li diġà huma fis-seħħ. Dak il-Kumitat jista' jissejjaħ 'Kumitat Magħżul tal-Kamra dwar l-Amministrazzjoni Pubblika'. Strutturi simili għal din diġà jeżistu f'postijiet oħra, b'mod partikolari fir-Renju Unit.

L-Uffiċċju huwa tal-fehma li Kumitat Magħżul bħal dan għandu jkollu l-mandat li jeżamina, jikkunsidra u jagħti direzzjonijiet lill-Gvern fuq dawk ir-rapporti tal-Ombudsman li jiġu ppreżentati lill-Kamra, kif ukoll li jikkunsidra l-kwalità u l-istandards tas-servizzi mogħtija mis-servizz ċivili u mill-amministrazzjoni pubblika. Bħal ma jiġri ukoll f'pajjiżi oħra, il-ħidma tal-Ombudsman tissaħħaħ kull meta jkun hemm struttura fejn ir-rappurtar isir dirett ma' Kumitat speċifiku tal-Kamra li jevalwa u jappoġġja x-

xogħol tal-Ombudsman. Kumitat bħal dan jista' ikollu interazzjoni regolari mal-Ombudsman fuq livell kostruttiv u anke kritiku.

Barra minn hekk, jista' ikun hemm ukoll Proċedura Parlamentari fejn f'każijiet ta' nuqqas ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fir-rapporti finali tal-Ombudsman, il-Ministru responsabbli jagħti lill-Kamra tad-Deputati, fi żmien raġonevoli, ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' implimentazzjoni.

### (b) ID-DRITT GĦAL AMMINISTRAZZJONI TAJBA

Dwar din il-kwistjoni saret referenza fl-Ombudsplan tal-2024 (paġna 19) u tal-2025 (paġna 17).

Il-kwistjoni għadha mhix solvuta.

Sal-lum, id-dritt għal amministrazzjoni tajba li diġà huwa liġi fil-kuntest tar-relazzjonijiet tal-persuna mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (l-Art. 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE) għadu mhuwiex applikat fil-liġi tagħna lanqas fil-liġi domestika.

L-Uffiċċju jemmen li l-persuni għandu jkollhom id-dritt li jaraw li l-affarijiet tagħhom jiġu trattati minn uffiċċji pubbliċi b'mod imparzjali, b'ġustizzja u fi żmien raġonevoli. Il-persuni għandu jkollhom id-dritt li jinstemgħu qabel ma tittieħed kwalunkwe azzjoni individwali li tista' taffettwahom ħażin. Il-persuni għandu jkollhom id-dritt li jingħataw aċċess liberu għal file pubbliku li jaffettwahom. L-entitajiet pubbliċi għandu jkollhom l-obbligu li jagħtu raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħhom. L-Uffiċċju jtenni l-fehma tiegħu li meta jiġu addottati bir-reqqa l-prinċipji li jiffurmaw l-Art. 41 tal-Karta, dan il-pass se jwessa' aktar id-drittijiet tal-persuna, u għalhekk jarrikkixxi d-demokrazija tagħna.

### (ċ) PROTOKOLL NRU. 12 TAL-KONVENZJONI EWROPEA TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM U L-LIBERTAJIET FUNDAMENTALI ("ECHR")

Dwar din il-kwistjoni saret referenza fl-Ombudsplan tal-2024 (paġni 20-21) u tal-2025 (paġni 17-18).

Sal-lum il-kwistjoni għadha ma ġietx indirizzata.

Malta rratifikat il-Protokoll Nru 12 tal-ECHR fit-8 ta' Diċembru 2015. Il-Protokoll jistabbilixxi l-libertà mid-diskriminazzjoni bħala libertà fundamentali ad hoc u dritt tal-bniedem protett mill-Konvenzjoni. Il-Protokoll jipproteġi persuni li jiġu diskriminati minn awtorità pubblika fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħha. Minkejja dan, il-Protokoll ma ġiex inkorporat fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea tal-1987 (Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta).

L-Uffiċċju jġedded l-appell tiegħu għal emenda fil-Kapitolu 319 li tinkludi l-Protokoll Nru 12 fl-Iskeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea. Dan jippermetti li l-persuni kollha

(inklużi ċittadini Maltin) li jsostnu li sofrew diskriminazzjoni minn awtorità pubblika bi ksur tal-Protokoll Nru. 12 tal-Konvenzjoni jirrikorru quddiem il-Qrati Maltin biex jiksbu rimedju, u ma jkunux kostretti li jippreżentaw petizzjoni direttament lill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasburgu.

### (d) SOSPENSJONI TAL-PRESKRIZZJONI

Dwar din il-kwistjoni saret referenza fl-Ombudsplan tal-2024 (paġna 23) u tal-2025 (paġna 22).

Sal-lum il-proposta għadha ma ġietx indirizzata.

L-investigazzjonijiet tal-Uffiċċju huma separati u distinti minn proċedimenti ta' kwalunkwe qorti jew tribunal. L-investigazzjonijiet jistgħu jitqiesu bħala mod alternattiv milli jitressaq każ f'oqsma ġudizzjarji. Il-liġi teskludi li jitmexxew flimkien u fl-istess waqt proċedimenti quddiem entitajiet ġudizzjarji u quddiem l-Ombudsman u l-Kummissarji, fis-sens li l-każ quddiem entità ġudizzjarja tieħu preċedenza. Dan iwassal biex kwalunkwe investigazzjoni mill-Uffiċċju tiġi sospiża sakemm il-każ riferut quddiem il-qorti dwar l-istess suġġett jiġi finalizzat u konkluż.

Billi tiġi sospiża l-preskrizzjoni ta' azzjonijiet kontra l-Gvern u l-entitajiet pubbliċi meta tkun qed issir investigazzjoni mill-Uffiċċju (li mhuwiex il-każ fil-preżent) jiffaċilita u jestendi aktar l-aċċess għall-ġustizzja.

### (e) L-ISTITUZZJONI NAZZJONALI TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM ("NHRI")

Dwar din il-kwistjoni sensittiva u importanti saret referenza fl-Ombusplan tal-2025 (paġni 22-23).

Barra minn Malta, id-drittijiet tal-bniedem huma fil-qalba tax-xogħol tal-Uffiċċji tal-Ombudsman tas-servizzi pubbliċi kollha. L-Ombudsman huwa komponent ewlieni fis-salvagwardji li l-persuni għandhom igawdu fi stat demokratiku. Billi jadotta ħidma li hija bbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem, l-Ombudsman jista' jqiegħed id-drittijiet tal-persuni bħala l-mira fix-xogħol tiegħu u jiżgura li l-policies, il-proċessi u l-azzjonijiet ikunu msawwra biex jirrispettaw u jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem.

**Kronoloġija ta' azzjonijiet meħuda**

Qabel l-2022, l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Ugwaljanza u l-Abbozz ta' Liġi dwar il-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza kienu ġew ippreżentati quddiem il-Kamra tad-Deputati. Iż-żewġ Abbozzi ta' Liġi ġew diskussi iżda qatt ma saru liġi. Fl-2022, il-Kamra tad-Deputati ġiet xolta u saret elezzjoni ġenerali. Wara l-2022 iż-żewġ Abbozzi ta' Liġi ma reġgħux ġew proposti mill-ġdid quddiem il-Kamra tad-Deputati li kienet għadha kif ġiet eletta. Għalhekk, sal-lum il-ġurnata, m'hemm l-ebda Abbozzi ta' Liġi pendenti quddiem il-Kamra tad-Deputati li qabel l-2022 kienu l-Abbozz dwar l-Ugwaljanza u l-Abbozz dwar il-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza. Dan qed jingħad għall-fini ta' kjarifika fattwali dwar dak li seħħ ftit tas-snin ilu.

F'Novembru 2023, wara li ġie rikonoxxut in-nuqqas ta' NHRI f'Malta, ġiet ippreżentata proposta lill-Prim Ministru ta' Malta għat-twaqqif ta' NHRI billi jiġi estiż il-mandat tal-Ombudsman, u b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa li tinħoloq istituzzjoni separata mill-ġdid. Il-ħatra tal-Uffiċċju tal-Ombudsman bħala l-NHRI għal Malta tagħmel espliċitu dak li dejjem kien impliċitu fix-xogħol tal-Uffiċċju. Fi kliem sempliċi, il-proposta li saret hija li l-Uffiċċju jkun inkarigat bil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni, iżda mhux mill-kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-entitajiet tal-ugwaljanza. L-infrastruttura diġà eżistenti, b'impjegati t'esperjenza u l-proċeduri stabbiliti tal-Uffiċċju huma sisien sodi biex wieħed jibni fuqhom. Il-forza tal-Ombudsman biex jaġixxi wkoll bħala promotur u difensur tad-drittijiet tal-bniedem ġejja minn bażi soda u mill-qagħda statutorja u kostituzzjonali tiegħu, minn rekord ta' ħidma diġà ppruvat u effettiv, u baġit li mhuwiex dipendenti fuq l-esiġenzi tal-Gvern. Barra minn hekk, għalkemm il-baġit jiġi approvat mill-Parlamentari minħabba li l-Ombudsman huwa uffiċjal tal-Parlament, l-Uffiċċju jgawdi minn awtonomija finanzjarja.

Fi Frar 2024, bis-saħħa tal-liġi kif inhi bħalissa, l-Uffiċċju tal-Ombudsman ingħata Status Assoċjat fin-Netwerk Ewropew tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem (ENNHRI) u pparteċipa fl-attivitajiet li huma organizzati mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) tal-Unjoni Ewropea. Wara li ġie aċċettat f'din l-istituzzjoni, l-Uffiċċju talab l-għajnuna mill-ENNHRI nnifisha biex jirrevedi l-Att dwar l-Ombudsman biex jiżgura allinjament sħiħ tal-Att dwar l-Ombudsman mal-Prinċipji ta' Pariġi.

F'April/Mejju 2024, l-ENNHRI wettqet reviżjoni dettaljata tal-Att, fejn identifikat oqsma ewlenin għal titjib. B'reazzjoni pro-attiva għal dawn is-sejbiet, l-Ombudsman ħejja Abbozz ta' Liġi mill-ġdid, Abbozz għall-Att dwar l-Ombudsman komplut minflok qagħad jirrikorri  għal emendi maqsuma f'biċċiet għal-liġi preżenti. F'Ottubru 2024, l-Abbozz ta' Liġi ntbagħat lill-ENNHRI għal aktar reviżjoni. Fl-istess xahar, matul l-Assemblea Ġenerali tal-ENNHRI, l-Ombudsman ipparteċipa f'laqgħa flimkien mar-rappreżentanti tal-ENNHRI biex jiddiskuti l-Abbozz ta' Liġi propost u jesplora titjib ulterjuri. L-ENNHRI faħħret l-isforzi tal-Uffiċċju biex jallinja ruħu mal-Prinċipji ta' Pariġi, ir-riżoluzzjoni tiegħu għal mandat estiż, u nnotat li ġew introdotti bidliet sinifikanti biex jappoġġjaw il-mandat, inkluż:

- Mandat wiesa' tad-drittijiet tal-bniedem, li jkopri l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem permezz ta' ħidma biex ikun hemm aktar għarfien, edukazzjoni, pariri dwar il-leġiżlazzjoni nazzjonali, u rappurtar dwar is-sitwazzjoni nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.
- Definizzjoni komprensiva tad-drittijiet tal-bniedem, li tiġbor fiha d-drittijiet stabbiliti permezz ta' strumenti internazzjonali, reġjonali u domestiċi, kif ukoll dawk rikonoxxuti mill-qrati nazzjonali u internazzjonali.
- Tisħiħ tal-awtorità tal-Ombudsman biex isegwi r-rakkomandazzjonijiet magħmula lill-awtoritajiet nazzjonali.
- Tisħiħ tal-indipendenza tal-Ombudsman billi qed jiġi dikjarat espressament li l-Ombudsman m'għandux ikun soġġett għal direzzjoni minn xi persuna jew awtorità oħra.

L-ENNHRI pprovdiet ukoll pariri tekniċi addizzjonali, li l-Ombudsman irreveda u addotta fejn kien meħtieġ u xieraq.

F'Novembru 2024, l-Ombudsman bagħat lill-Prim Ministru ta' Malta għall-konsiderazzjoni tiegħu u tal-Kabinett tal-Ministri l-abbozz ta' Liġi ġdid għall-Att dwar l-Ombudsman li fis-sustanza jestendi l-mandat li hemm bħalissa tal-Ombudsman għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuna.

Fi Frar 2025, l-abbozz ta' liġi ġie ppubblikat bħala dokument sħiħ fuq il-websajt uffiċjali tal-Uffiċċju tal-Ombudsman. L-Uffiċċju ma rċieva l-ebda reazzjoni mill-Gvern.

Il-punti ewlenin tal-Abbozz ta' Liġi propost fir-rigward tal-Att dwar l-Ombudsman huma dawn li ġejjin:

1. Filwaqt li sal-lum l-Ombudsman huwa l-Kummissarju għall-Investigazzjonijiet Amministrattivi, l-Abbozz ta' Liġi, filwaqt li jikkonferma dak il-mandat, jestendi l-funzjoni tal-Ombudsman biex isir il-Promotur u l-Protettur tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali. Għaż-żewġ mandati, irid jiġi elett b'maġġoranza minima ta' żewġ terzi tal-membri tal-Kamra tad-Deputati.
2. Skont l-Abbozz ta' Liġi, meta l-Ombudsman jaġixxi bħala Kummissarju għall-Investigazzjonijiet Amministrattivi, jinvestiga azzjoni amministrattiva (li hija definita) u meta jaġixxi bħala Promotur u Protettur tad-Drittijiet tal-Bniedem, jinvestiga azzjoni (li hija wkoll definita).
3. Id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali huma definiti għall-finijiet tal-Abbozz ta' Liġi. Id-definizzjoni hija waħda wiesgħa.
4. Fl-Abbozz ta' Liġi, ir-raġunijiet għal sospensjoni jew tneħħija tal-Ombudsman ġew iċċarati u ristretti għal kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-imġiba tal-persuna fil-kariga, matul il-qadi ta' dmirijietha.
5. L-Ombudsman jippreżenta lill-Kamra tad-Deputati l-baġit tiegħu sal-15 ta' Settembru ta' kull sena. Fl-Abbozz ta' Liġi hemm inkluża dispożizzjoni li tirreferi speċifikament u ssostni finanzjarjament il-funzjoni tiegħu bħala Promotur u Protettur tad-Drittijiet tal-Bniedem b'mod li jkun identifikabbli b'mod ċar mill-baġit marbut mal-ħidma tiegħu bħala Kummissarju għall-Investigazzjonijiet Amministrattivi.
6. L-Abbozz ta' Liġi jqiegħed fuq l-Ombudsman l-obbligu mhux biss li jippromwovi iżda wkoll li jipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuna, li jinkludi d-dritt u d-dmir li jinvestiga mingħajr ebda limitazzjoni ksur allegat tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuna. L-Abbozz ta' Liġi jelenka fid-dettall x'se jinvolvi dan id-dritt u d-dmir. B'mod partikolari l-paragrafu 12(q) jiddikjara l-irwol tal-Ombudsman kif propost, li jappella għar-ratifika ta', ikollu l-mandat u jkun konformi mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.
7. Kull meta l-Ombudsman ikun tal-fehma li dispożizzjoni legali hija kontra l-kostituzzjoni għaliex tikser id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tal-persuna, l-Abbozz tal-Liġi l-ġdida jagħti lill-Ombudsman id-dritt li jibda proċedimenti quddiem il-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) f'ismu stess. Dan huwa tabilħaqq kunċett ġdid fil-qafas u fit-tifsira tas-saltna tad-dritt għal kulħadd.
8. Fergħa oħra minn din id-dispożizzjoni huwa l-obbligu ta' kull min iressaq azzjoni fil-qorti għal ksur allegat tad-drittijiet tal-bniedem kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea li jinnotifika lill-Ombudsman li jkollu d-dritt li jipparteċipa b'mod sħiħ u jintervjeni fil-proċedimenti.
9. F'dan l-Abbozz tal-Liġi l-ġdida fejn jidħlu d-drittijiet tal-bniedem, m'hemm l-ebda limitu ta' żmien biex kwalunkwe persuna titlob lill-Ombudsman biex jinvestiga xi

azzjoni mill-Gvern. Fir-rigward ta’ azzjoni amministrattiva, il-limitu ta’ sitt xhur jibqa’ fis-seħħ iżda matul il-perjodu kollu ta’ investigazzjoni mill-Ombudsman kwalunkwe perjodu ta’ preskrizzjoni u/jew telf ta’ kwalunkwe dritt ta’ azzjoni tal-persuna jiġi sospiż.

10. L-investigazzjoni ta’ allegat ksur tad-drittijiet tal-bniedem jaqa’ f'idejn l-Ombudsman. Investigazzjonijiet ta’ din ix-xorta mhumiex estiżi għall-Kummissarji li s-setgħat investigattivi speċjalizzati tagħhom jibqgħu limitati għal azzjonijiet jew ommissjonijiet mill-Gvern, fir-rigward ta’ natura amministrattiva.
11. B’differenza mill-investigazzjonijiet ta’ azzjonijiet jew ommissjonijiet amministrattivi, meta l-Ombudsman jinvestiga kwistjonijiet li jaffettwaw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-Abbozz tal- Liġi l-ġdida jagħtih id-dritt li jagħmel żjarat mingħajr preavviż u għandu jkollu aċċess liberu biex jispezzjona u jeżamina kwalunkwe bini, dokumenti, tagħmir u assi mingħajr ma jagħti ebda avviż minn qabel.
12. Bħal fil-każ ta’ investigazzjonijiet amministrattivi, meta l-Ombudsman jikkonkludi investigazzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, huwa jagħmel rakkomandazzjonijiet u ma jagħtix ordnijiet eżekuttivi. Fl-istess waqt, dak kollu li jsir mill-Ombudsman mhuwiex soġġett għal xi reviżjoni minn kwalunkwe Awtorità oħra.
13. Fir-rigward tal-investigazzjonijiet amministrattivi, l-Abbozz tal-Liġi l-ġdida jintroduċi aktar ċarezza meta persuni jagħmlu użu mid-dritt li ssir reviżjoni tar-rakkomandazzjonijiet ippreżentati mill-Kummissarji.
14. Fl-Abbozz tal-Liġi l-ġdida, l-element ta’ salvagwardja tas-segretezza mhux biss tinżamm iżda tiġi estiża wkoll għall-protezzjoni tal-informaturi mingħajr riserva, jiġifieri kemm fil-każ ta’ investigazzjonijiet amministrattivi kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.
15. L-Abbozz tal-Liġi l-ġdida jsaħħaħ ir-rwol tal-Ombudsman bħala Uffiċjal tal-Parlament billi jistabbilixxi li kull sena jew kemm-il darba jidhirlu li huwa xieraq għandu jirrapporta lill-Kamra tad-Deputati dwar il-ħidma marbuta maż-żewġ irwoli tiegħu. Ir-rapport jitqiegħed mill-Ispeaker fuq il-Mejda tal-Kamra u jrid jiġi diskuss waqt seduta parlamentari apposta.
16. Hemm ukoll proposta għal estensjoni tal-protezzjoni tal-Art 64A tal-Kostituzzjoni għall-Ombudsman bħala Promotur u Protettur tad-Drittijiet tal-Bniedem.

**Storja ta’ suċċess**

It-twaqqif ta’ NHRIs fi ħdan il-qafas ta’ istituzzjonijiet tal-Ombudsman mhuwiex esperiment iżda storja ta’ suċċess f'għadd ta’ pajjiżi Ewropej inklużi Ċipru, il-Kroazja, is-Slovenja, il-Kosovo, is-Serbja, l-Albanija, l-Armenja, l-Awstrija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġeorġja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Moldova, il-Polonja, il-Portugall, l-Ukrajna, l-Ażerbajġan, Andorra, Spanja, l-Ungerija, il-Maċedonja ta’ Fuq, iċ-Ċekja u l-Greċja.

Ir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda tas-17 ta’ Diċembru 2024 bit-titlu ‘Ir-rwol tal-Ombudsman u l-istituzzjonijiet ta’ medjatur fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt’ tinkoraġġixxi lill-Uffiċċju tal-Ombudsman li jista’ jissodisfa l-funzjoni doppja tiegħu.

Ir-rwol kruċjali tal-istituzzjonijiet tal-Ombudsman hija rikonoxxuta mir-Riżoluzzjoni, b’mod partikolari l-kredenzjali tagħhom biex jaġixxu bħala NHRIs, biex jippromwovu governanza tajba u jaġixxu bħala salvagwardja addizzjonali għas-saltna tad-dritt. Ir-Riżoluzzjoni tenfasizza l-ħila tal-Uffiċċji tal-Ombudsman li jindirizzaw in-nuqqasijiet u l-iżbilanċ fil-poter bejn il-persuni

u l-awtoritajiet pubbliċi, biex jippromwovu t-trasparenza u l-kontabbiltà, u biex irawwmu r-rispett għall-ġustizzja u l-ugwaljanza.

Barra minn hekk, ir-Riżoluzzjoni saħqet dwar il-flessibbiltà fi ħdan il-Prinċipji ta' Pariġi biex tippermetti lill-istituzzjonijiet tal-Ombudsman biex jassumu l-funzjonijiet ta' NHRI, filwaqt li tirrikonoxxi l-kapaċità unika tagħhom li jsaħħu l-oqfsa tad-drittijiet tal-bniedem, isolvu lmenti, u jappoġġjaw l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 16 għal istituzzjonijiet effettivi, kontabbli u inklużivi.

## DIMENSJONI INTERNAZZJONALI

Fix-xena internazzjonali, l-Uffiċċju tal-Ombudsman Parlamentari ta' Malta huwa uffiċċju rispettat sew u l-istqarrijiet tiegħu dejjem jingħataw reazzjoni pożittiva.

L-Ombudsman ta' Malta huwa s-Segretarju u t-Teżorier tal-Assoċjazzjoni tal-Ombudsmen tal-Mediterran (AOM), organizzazzjoni li tiġbor flimkien aktar minn tletin (30) istituzzjoni li huma kollha impenjati fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-pajjiżi tal-Mediterran. L-organizzazzjoni tħeġġeġ biex permezz tal-kooperazzjoni jsir skambju tal-esperjenzi u t-teħid ta' inizjattivi mid-diversi istituzzjonijiet membri.

L-Ombudsman ta' Malta huwa wkoll wieħed mis-7 Diretturi tal-Bord Reġjonali Ewropew, li tiegħu huwa wkoll Viċi President.

L-Ombudsman ta' Malta huwa wkoll wieħed mit-28 Direttur tal-Bord Dinji tal-Istitut Internazzjonali tal-Ombudsman (IOI).

Huwa jipparteċipa b'mod attiv u regolari fil-laqgħat li jsiru miż-żewġ Bordijiet.

L-IOI hija l-unika organizzazzjoni globali għall-kooperazzjoni ta' aktar minn 200 istituzzjoni indipendenti tal-Ombudsman minn aktar minn 100 pajjiż minn madwar id-dinja. L-organizzazzjoni hija organizzata f'sitt taqsimiet reġjonali: l-Afrika, l-Asja, l-Awstralja u l-Paċifiku, l-Ewropa, il-Karibew u l-Amerika Latina, u l-Amerika ta' Fuq.

L-Ombudsman ta' Malta għandu wkoll relazzjonijiet eċċellenti mal-Uffiċċju tal-Ombudsman tal-UE u man-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen (ENO).

## LECTURES TEMATIĊI

L-Uffiċċju jemmen li kull sena ssir lecture tematika minn personalità prominenti fid-dinja tal-Ombudsman hija ta' benefiċċju kbir għall-pajjiż, speċjalment għall-uffiċjali pubbliċi, l-entitajiet ta' sorveljanza u l-akkademiċi.

Fis-6 ta' Frar 2024, l-Ombudsman Parlamentari u l-Ombudsman tas-Servizzi tas-Saħħa tar-Renju Unit Sir Rob Behrens indirizza laqgħa ta' kalibru, b'attendenza tajba fil-Kamra tad-Deputati taħt l-awspiċju tal-Ispeaker l-Onor. Dr. Anġlu Farrugia, bit-tema 'L-Esperjenza tal-Ombudsman Parlamentari: Riflessjonijiet fuq il-passat u l-preżent. Ħarsa lejn il-ġejjieni'.

Fit-12 ta' Ġunju 2025, il-Protettur Pubbliku tal-Afrika t'Isfel, Avv. Kholeka Gcaleka tat lecture importanti fil-Kamra tad-Deputati dwar is-suġġett: 'Trasparenza, Ġustizzja, Kontabiltà: Is-Sisien Għal Amministrazzjoni Tajba'. L-avveniment kien wieħed li għalih attendew bi ħġarhom numru kbir ta' persuni li saħansitra mlew l-Istrangers Gallery fil-Parlament.

L-Uffiċċju qed jippjana li f'Ottubru 2026 jorganizza avveniment ieħor simili.

## OSSERVAZZJONIJIET TAL-AĦĦAR

Minkejja dak li jaħsbu numru żgħir ta' osservaturi, l-Uffiċċju tal-Ombudsman mhuwiex għodda ineffettiva. Ironikament, l-Uffiċċju qiegħed hemm għalihom ukoll sakemm, meta jirrikorru għas-servizzi tal-Uffiċċju jagħmlu dan in bona fede u mhux bi ħsibijiet ulterjuri. Il-fatti li jirriżultaw mill-investigazzjonijiet inisslu awtorità morali qawwija fuq is-servizz ċivili u/jew l-awtoritajiet pubbliċi meta dawn juru r-rieda li jisimgħu u jaġixxu. Dawk li jipproponu rimedji obbligatorji jenfasizzaw il-ħtieġa ta' kontabbiltà u effettività. Huma jsostnu li s-setgħat li jorbtu jiżguraw li l-uffiċjali pubbliċi jimplimentaw ir-rimedji, u b'hekk jinfurzaw id-drittijiet u jiskoraġġixxu l-imġiba ħażina. Oħrajn, li huma fil-maġġoranza tagħhom, iwissu li l-impożizzjoni ta' setgħat ta' infurzar fuq l-ombudsmen tista' ddgħajjef is-saħħa ewlenija tagħhom. B'differenza mill-qrati tal-ġustizzja jew mit-tribunali, l-ombudsmen mhumiex maħsuba biex ikunu arbitru jew mħallfin jew ġudikaturi formali. L-Uffiċċju huwa tal-fehma li l-infurzar obbligatorju jġib fit-tmiem il-mandat distint ta' persważjoni tal-Ombudsman, apparti mill-fatt li l-ordnijiet obbligatorji jnaqqsu l-indipendenza u l-influwenza fin-negozjar u l-medjazzjoni tal-Ombudsman.

## FINANZJAMENT

L-Uffiċċju wera li huwa istituzzjoni demokratika importanti f'dan il-pajjiż. Tant huwa importanti għal dan il-pajjiż li ngħata status kostituzzjonali. L-istituzzjonijiet l-oħra tal-Istat għandhom interess li jsaħħu t-tajjeb li diġà sar mill-Uffiċċju u l-inizjattivi li biħsiebu jieħu fil-ġejjieni għax huwa fl-interess tal-ġid komuni. Demokrazija kredibbli għandha tħeġġeġ u ssaħħaħ il-mandat u l-operazzjonijiet tal-Uffiċċju tal-Ombudsman permezz ta' finanzjament adegwat kif qed jintalab fl-Ombudsplan preżenti. L-Ombudsplan għall-2026 jistħoqqlu li jingħata l-approvazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

# ANALIŻI TAL-ĦIDMA

JANNAR – AWWISSU 2025

## ILMENTI MRESSQA LILL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN

Din l-analiżi tal-ħidma tal-Uffiċċju tal-Ombudsman tkopri il-perjodu ta' bejn Jannar u Awwissu 2025, u ser tiġi mqabbla mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel.

B'kollox, l-Uffiċċju tal-Ombudsman ittratta 386 każ ġdid matul dawn it-tmien xhur, li meta mqabbla mas-sena ta' qabel ssarraf f'żieda ta' 4%. Dan it-tkabbir huwa riżultat tal-isforzi kontinwi biex jissaħħaħ l-għarfien pubbliku dwar l-istituzzjoni u s-servizzi li din toffri.

It-tqassim tal-każijiet trattati mill-Ombudsman u l-Kummissarji kien kif ġej:

- L-Ombudsman Parlamentari ttratta 226 każ, li huwa 7% aktar mis-sena l-oħra.
- Il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar investiga 54 każ, li juri tnaqqis ta' 14%.
- Il-Kummissarju għas-Saħħa ttratta 68 każ, jiġifieri żieda ta' 17%.
- Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni eżamina 38 każ, li huwa 5% inqas mill-2024.

## ILMENTI KONKLUŻI MILL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN

Jannar – Awwissu 2025

Bejn Jannar u Awwissu 2025, l-Uffiċċju tal-Ombudsman ffinalizza 320 investigazzjoni. Dan ifisser illi kien hemm tnaqqis ta' 17% meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena 2024.

It-tqassim tal-każijiet konklużi kien kif ġej:

- L-Ombudsman Parlamentari kkonkluda 184 investigazzjoni, 13% inqas mis-sena l-oħra.
- Il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar għalaq 56 każ, tnaqqis ta' 5%.
- Il-Kummissarju għas-Saħħa ffinalizza 44 każ, tnaqqis ta' 41% meta mqabbel mas-sena ta' qabel.
- Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni solva 36 każ, 8% anqas mit-total tal-2024.

## NUMRU TA' KAŻIJIET PENDENTI MIS-SNIN PREĊEDENTI

Jannar – Awwissu 2025

Sa Awwissu 2025, l-Uffiċċju tal-Ombudsman kien qed jittratta 253 investigazzjoni li kienu għadhom pendenti minn perjodi preċedenti. Din iċ-ċifra tirrappreżenta tnaqqis ta' 10% meta mqabbla mal-istess perjodu ta' żmien fl-2024.

Il-każijiet pendenti kienu mqassma kif ġej:

- L-Ombudsman kellu 170 każ li kienu għadhom qed jiġu investigati, żieda ta' 8% fuq is-sena ta' qabel.
- Il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar kien qed jittratta 25 każ, żieda ta' 19%.
- Il-Kummissarju għas-Saħħa kellu 40 każ għaddej, li juri tnaqqis qawwi ta' 44%.
- Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni kien qed jistħarreġ 18-il każ li kienu għadhom pendenti, 38% inqas mis-sena ta' qabel.

## ASSISTENZA LILL-PUBBLIKU

### Jannar – Awwissu 2025

L-Uffiċċju tal-Ombudsman spiss iservi bħala l-ewwel post fejn in-nies jagħmlu kuntatt u dan mhux bilfors iwassal biex huma jressqu ilment bil-miktub. F'ħafna każijiet, l-istaff tagħna jiggwida lil dawn l-individwi sabiex jirrikorru għand l-entitajiet kompetenti jew jirreferuhom lil awtoritajiet adattati aħjar biex jindirizzaw it-tħassib speċifiku tagħhom.

Bejn Jannar u Awwissu 2025, l-Uffiċċju ta assistenza lil 502 persuna, li hija żieda ta' 4% meta mqabbel mal-istess perjodu tal-2024. Din iż-żieda tirrifletti l-effett li qed iħallu l-isforzi kontinwi ta' outreach tal-Ombudsman, li wasslu biex l-istituzzjoni tkun waħda aktar viżibbli u aċċessibbli għall-pubbliku. Dawn ir-riżultati jikkonfermaw kemm hija effettiva l-istrateġija ta' komunikazzjoni adottata fis-snin riċenti.

## TABELLA 1.1 - RAĠUNIJIET LI DWARHOM TRESSQU L-ILMENTI

Jannar – Awwissu 2025

| Raġuni | Ombudsman | Kummissarju għas-Saħħa | Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar | Kummissarju għall-Edukazzjoni | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Kontra l-liġi jew applikazzjoni riġida ta' regolamenti u policies | 25 | - | 16 | 1 | 42 |
| Diskriminazzjoni improprja | 13 | - | 2 | - | 15 |
| Nuqqas ta' trasparenza jew kontabilità | 4 | - | 2 | - | 6 |
| Nuqqas li tingħata l-informazzjoni jew tweġiba | 21 | 1 | 2 | - | 24 |
| Dewmien żejjed/nuqqas ta' azzjoni/listi ta' stennija | 41 | 6 | 28 | 2 | 77 |
| Trattament inġust/nuqqas ta' ekwità | 76 | 27 | 3 | 32 | 138 |
| Proċess tal-għażla/promozzjoni/grad inġust | 6 | 3 | 1 | 3 | 13 |
| Kwistjonijiet dwar il-kwalità tal-ħajja/bżonnijiet speċjali | 3 | - | - | - | 3 |
| Aġir mhux xieraq minn staff jew maniġment | 2 | 1 | - | - | 3 |
| Nuqqas/Provvista mhux adegwata ta' tagħmir/servizzi | - | 7 | - | - | 7 |
| Kwistjonijiet personali/staff/student | 1 | 12 | - | - | 13 |
| Reviżjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissarju | 3 | - | - | - | 3 |
| Nuqqas/Provvista inadegwata ta' mediċini | - | 8 | - | - | 8 |
| Kura kontiniwa/kwistjonijiet ta' follow-up | - | 2 | - | - | 2 |
| Oħra | 31 | 1 | - | - | 32 |
| **TOTAL** | **226** | **68** | **54** | **38** | **386** |

Tabella 1.1 turi t-tqassim tal-ilmenti kategorizzati skont it-tip tal-allegata amministrazzjoni ħażina. L-istess bħas-sena ta' qabel, l-aktar numru ta' ilmenti mressqa kien dak relatat ma' trattament inġust jew nuqqas ta' ekwità, li kien jammonta għal 36% tal-ilmenti totali (138 każ). It-tieni l-aktar kwistjoni komuni kienet dik dwar dewmien żejjed jew nuqqasijiet ta' azzjoni, inklużi kwistjonijiet relatati mal-listi ta' stennija, li kienu jammontaw għal 20% tal-ilmenti (77 każ).

## TABELLA 1.2 - KLASSIFIKA TAL-ILMENTI KONKLUŻI

Jannar – Awwissu 2025

| Klassifika | Ombudsman | Kummissarju għas-Saħħa | Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar | Kummissarju għall-Edukazzjoni | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Sostnuti | 9 | 24 | 10 | 10 | **53** |
| Mhux sostnuti | 40 | 4 | 9 | 8 | **61** |
| Solvuti waqt l-investigazzjoni | 34 | 7 | 10 | 8 | **59** |
| Ma tkomplewx | 46 | 9 | 20 | 8 | **83** |
| Barra mill-ġurisdizzjoni | 24 | - | 1 | - | **25** |
| Miċħuda | 31 | - | 6 | 2 | **39** |
| **TOTAL** | **184** | **44** | **56** | **36** | **320** |

**L-eżitu tal-każijiet**

It-Tabella 1.2 telenka l-eżiti tal-każijiet li ġew investigati u magħluqa matul il-perjodu li dwaru qed jitħejja dan ir-rapport. L-eżitu tat-320 każ li ġew investigati mill-Uffiċċju tal-Ombudsman, kien kif ġej:

• 53 każ ġew sostnuti, li huwa 17% tat-total tal-ilmenti konklużi.

• 61 każ ma ġewx sostnuti, li jammontaw għal 19%.

• 59 każ ġew konklużi permezz tal-parir jew assistenza mogħtija, mingħajr il-ħtieġa li ssir investigazzjoni formali. Dawn jammontaw għal 18% tal-ilmenti finalizzati.

• 83 każ ingħalqu bla ma saret investigazzjoni formali, li ssarraf għal 26% tat-total tal-ilmenti konklużi.

• 25 każ kienu jaqgħu barra mill-ġurisdizzjoni tal-Uffiċċju, u b'hekk ma setgħet issir ebda investigazzjoni mill-Ombudsman jew mill-Kummissarji. Dawn kienu jammontaw għal 8%.

• 39 każ ġew miċħuda għal xi raġuni speċifikata skont l-Att dwar l-Ombudsman, li jgħoddu 12%.

## TABELLA 1.3 – IN-NATURA TAL-ALLEGATA AMMINISTRAZZJONI ĦAŻINA TAL-ILMENTI SOSTNUTI U SOLVUTI

Jannar – Awwissu 2025

| Kategorija | Ombudsman | Kummissarju għas-Saħħa | Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar | Kummissarju għall-Edukazzjoni | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Kontra il-liġi jew applikazzjoni riġida tar-regoli, regolamenti u policies | 7 | - | 4 | 2 | 13 |
| Nuqqas ta' trasparenza u kontabilità | - | - | 1 | 1 | 2 |
| Nuqqas li tingħata informazzjoni jew tweġiba | 5 | - | 2 | - | 7 |
| Dewmien żejjed/nuqqas ta' azzjoni/listi ta' stennija | 12 | 6 | 10 | 1 | 29 |
| Trattament inġust/nuqqas ta' ekwità | 11 | 4 | 3 | 13 | 31 |
| Proċess tal-għażla/promozzjoni/grad inġust | 2 | - | - | - | 2 |
| Aġir mhux xieraq minn staff jew maniġment | - | 1 | - | 1 | 2 |
| Nuqqas/provvisti ta' mediċini jew tagħmir mhux adegwati/servizzi | - | 4 | - | - | 4 |
| Kwistjonijiet personali/staff/student | 1 | 6 | - | - | 7 |
| Reviżjoni ta' deċiżjoni ta' Kummissarju | 1 | - | - | - | 1 |
| Nuqqas/Provvista ta' mediċini mhux adegwati | - | 8 | - | - | 8 |
| Kura kontinwa/kwistjonijiet dwar follow-up | - | 1 | - | - | 1 |
| Oħra | 4 | 1 | - | - | 5 |
| **TOTAL** | **43** | **31** | **20** | **18** | **112** |

.

### It-tip ta' amministrazzjoni ħażina identifikata

It-Tabella 1.5 tiddeskrivi t-tip ta' amministrazzjoni ħażina identifikata fl-ilmenti li jew ġew sostnuti (53 każ) jew inkella solvuti (59 każ) mill-Ombudsman u l-Kummissarji.

L-aktar kwistjoni komuni ta' amministrazzjoni ħażina kienet dik dwar it-trattament inġust jew in-nuqqas ta' ekwità, li ammontaw għal 28% tat-total ta' dawn il-każijiet. It-

tieni kwistjoni l-aktar frekwenti kienet dik li tinvolvi dewmien żejjed, nuqqasijiet ta' azzjoni, jew tħassib relatat mal-listi ta' stennija, li jgħoddu 26% tal-ilmenti sostnuti u solvuti.

## KONKLUŻJONI

L-istatistika turi illi l-isforzi ta' outreach u ta' aktar kuntatt tal-Uffiċċju tal-Ombudsman qed ikomplu jagħtu r-riżultati mixtieqa. Iż-żieda fil-kuntatt mal-pubbliku u l-kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-istituzzjonijiet taw kontribut li ssarraf f'livell ogħla ta' assistenza u fid-dħul kostanti ta' ilmenti, li jirriflettu li hemm għarfien akbar dwar ir-rwol u l-aċċessibbiltà tal-Ombudsman.

It-tipi ta' amministrazzjoni ħażina rrappurtati ġeneralment ma nbidlux. Insibu li t-trattament inġust u n-nuqqas ta' ekwità jkomplu jidhru bħala l-aktar kwistjonijiet prominenti, filwaqt li dawn huma segwiti minn dewmien u nuqqas ta' azzjoni. Dawn is-sejbiet juru l-oqsma persistenti ta' tħassib fl-amministrazzjoni pubblika u jenfasizzaw il-ħtieġa għal aktar titjib sistemiku.

Fuq kollox ir-riżultati juru kemm huwa siewi l-valur li tibni pontijiet bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet. Komunikazzjoni proattiva, outreach konsistenti, u t-trattament f'waqtu tal-każijiet jibqgħu essenzjali għall-promozzjoni tal-ġustizzja, l-ekwità u l-kontabilità fl-amministrazzjoni pubblika.

# EQREB LEJN IL-PUBBLIKU

UFFIĊĊJU TAL-KOMUNIKAZZJONI U R-RIĊERKA

## EQREB LEJN IL-PUBBLIKU
## UFFIĊĊJU TAL-KOMUNIKAZZJONI U R-RIĊERKA

L-Uffiċċju tal-Ombudsman matul is-sena li għaddiet, u matul il-mandat attwali tal-Ombudsman preżenti, ħa ħsieb li jara li jkun hemm fis-seħħ strateġija ta' komunikazzjoni u outreach immirata lejn it-tisħiħ tal-viżibilità tal-istituzzjoni, li jinvolvi firxa wiesgħa tas-soċjetà, u li jiżgura aċċess aħjar għal dawk li l-aktar jeħtieġu s-sostenn tagħha.

L-għan prinċipali baqa' dak li tingħata informazzjoni ċara, titqajjem kuxjenza u li jissaħħaħ b'mod kostruttiv id-djalogu mal-partijiet interessati, il-pubbliku u l-amministrazzjoni pubblika. Dawn l-isforzi saħħew il-pożizzjoni tal-Uffiċċju bħala difensur affidabbli tad-drittijiet tal-persuna. L-attivitajiet ta' outreach baqgħu għaddejjin biex jippromwovu r-rwol tal-istituzzjoni filwaqt li ħeġġew l-interazzjoni mal-entitajiet pubbliċi, is-soċjetà ċivili u l-komunità.

Dan l-impenn wassal għal tkabbir notevoli fl-attività, b'żieda ta' 4% fl-assistenza mogħtija lill-persuni u fl-ilmenti mressqa li żdiedu b'4% wkoll.

Mill-Ombudsplan preċedenti, l-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni u r-Riċerka wettaq l-inizjattivi ewlenin li ġejjin:

### 1. PREŻENZA AKTAR B'SAĦĦITHA FIL-MIDJA

L-Uffiċċju tal-Ombudsman iqis il-midja bħala element importanti fit-twettiq tal-mandat tiegħu u jiżgura li l-aċċess għall-istampa jibqa' prijorità. L-oqsma tal-midja huma strumentali biex jinformaw lill-pubbliku u jżidu l-għarfien dwar ir-rwol u x-xogħol tal-Ombudsman.

Matul is-sena li għaddiet, l-Ombudsman u l-Kummissarji żammew profil għoli fin-networks ewlenin kollha tat-televiżjoni u tar-radju, billi pparteċipaw f'intervisti u taħditiet. L-Uffiċċju jwieġeb minnufih għat-talbiet tal-midja, billi skont il-limiti tal-liġi jaqsam l-informazzjoni meħtieġa. Jipprovdi wkoll għarfien dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-governanza tajba u, fejn xieraq, iniedi investigazzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku li jkunu rapportati mill-midja.

Din il-ħidma attiva ser tkompli fis-sena li ġejja, bl-Uffiċċju jippjana dehriet u interventi skedati biex iżomm lill-pubbliku aġġornat dwar l-attivitajiet u l-inizjattivi tiegħu.

## 2. LAQGĦAT MAL-PARTIJIET INTERESSATI

L-Uffiċċju tal-Ombudsman kellu numru ġmielu ta' impenji ma' partijiet interessati ewlenin, inklużi rappreżentanti tal-gvern, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u entitajiet internazzjonali, biex jippromwovi l-għarfien dwar il-mandat tiegħu u biex jilħaq il-komunitajiet li l-aktar jeħtieġu appoġġ u rappreżentanza.

Komplew ukoll il-laqgħat regolari ma' ambaxxaturi akkreditati għal Malta, partikolarment dawk li fil-pajjiż qed jirrappreżentaw komunitajiet barranin ta' daqs konsiderevoli. Dawn id-diskussjonijiet saħħew il-messaġġ li s-servizzi tal-Ombudsman huma disponibbli għal kulħadd, inklużi ċ-ċittadini Maltin, iċ-ċittadini tal-UE u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.

L-iskop ta' dawn il-laqgħat huwa li jsaħħu l-fehim dwar ir-rwol tal-Ombudsman u li jiġi żgurat li jingħata servizz pubbliku li huwa ġust, trasparenti, u kontabbli. Fis-sena li ġejja impenji bħal dawn se jibqgħu prijorità, bil-pjan li dawn ir-relazzjonijiet importanti jkomplu jinżammu u anke nkomplu nibnu fuqhom.

## 3. KOMUNIKAZZJONIJIET DIĠITALI

F'Ottubru 2024, l-Uffiċċju nieda websajt ġdida, li hija interattiva u faċli biex tintuża minn min ikun jeħtieġ. Il-pjattaforma toffri gwida ċara dwar kif il-mandat u s-servizzi tal-Ombudsman. Minn meta ġiet imnedija, is-sit irreġistrat 14,000 viżitatur u 53,000 żaru l-paġni tagħha. Il-kontenut jiġi aġġornat fuq bażi regolari biex il-pubbliku jinżamm dejjem infurmat b'dak kollu li jkun għaddej bħalma huma l-inizjattivi u l-investigazzjonijiet trattati.

L-Uffiċċju joħroġ ukoll newsletter elettronika kull xahar li tipprovdi ħarsa ġenerali fil-qosor dwar il-ħidma tal-Ombudsman u l-Kummissarji. Din in-newsletter tiffoka prinċipalment fuq l-inizjattivi, l-investigazzjonijiet u żviluppi oħra reċenti. Din tiġi mqassma lil aktar minn 600 persuna, inklużi Membri tal-Parlament, kunsilli lokali, uffiċjali għolja tas-servizz pubbliku, il-midja w uffiċċji oħra bħalna barranin. Il-ftuħ ta' din in-newsletter kisbet rata medja ta' 60%.

Il-midja soċjali tkompli sservi bħala mezz importanti ieħor kif l-Uffiċċju jkun f'kuntatt mal-pubbliku. L-Uffiċċju jieħu ħsieb illi jtella' b'mod attiv paġni fuq il-websajt b'aġġornamenti frekwenti biex jiżgura komunikazzjoni f'waqtha, jaqsam onlajn l-iżviluppi u jinkoraġġixxi l-interazzjoni mal-komunità.

## 4. KOMMEMORAZZJONI TAT-30 ANNIVERSARJU

Fl-2025, l-Uffiċċju tal-Ombudsman se jikkommemora t-30 sena mit-twaqqif tiegħu bi programm ta' avvenimenti u inizjattivi kkoordinati mill-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni u r-Riċerka b'kollaborazzjoni mal-istaff kollu.

### IT-TEMA

L-anniversarju huwa opportunità biex wieħed jirrifletti fuq il-progress tal-istituzzjoni, jirrikonoxxi l-kisbiet tagħha, u jħejji ruħu għall-isfidi tal-ġejjieni. It-tema magħżula torbot erba' aspetti ewlenin mill-mandat tal-Ombudsman:

Nipproteġu d-drittijiet – Jiġu indirizzati l-ilmenti individwali u l-promozzjoni għal titjib sistemiku fl-amministrazzjoni pubblika. Billi jinvestiga l-ilmenti u jiżgura l-kisba ta' rimedji, l-Ombudsman irawwem element ta' rispett għal-libertajiet individwali u d-dinjità.

Niżguraw l-ewkità – Nappoġġjaw it-trattament ekwu u r-reviżjoni imparzjali. Permezz ta' investigazzjonijiet raġunati u bir-reqqa, l-Uffiċċju jħares l-interessi tal-persuni kontra azzjonijiet amministrattivi jew ommissjonijiet inġusti.

Niddefendu l-ġustizzja – Nippromwovu l-kontabilità u nesponu u niċċensuraw l-amministrazzjoni ħażina, filwaqt li niżguraw li l-gvern u l-amministrazzjoni pubblika jħaddnu u jħaddmu l-ogħla standards etiċi.

Inrawwmu governanza tajba – Inħeġġu li jkun hemm trasparenza, kontabbiltà u rispons. Billi jirrakkomanda riformi u jagħmel kuntatt mal-istituzzjonijiet pubbliċi, l-Ombudsman isaħħaħ l-integrità istituzzjonali u jibni l-fiduċja pubblika.

### AVVENIMENTI

#### i. Thematic lecture dwar it-trasparenza, l-ekwità u l-kontabilità

Il-kommemorazzjonijiet bdew fit-12 ta' Ġunju 2025 b'thematic lecture li saret fis-Sala Plenarja tal-Kamra tad-Deputati, bit-tema 'Trasparenza, Ekwità, Kotabilità: Is-sisien ta' Amministrazzjoni Tajba – Il-Mandat tal-Ombudsman'. L-avveniment ġabar flimkien Membri tal-Parlament, uffiċjali għolja, uffiċjali pubbliċi, akkademiċi, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, u partijiet interessati oħra biex jirriflettu fuq il-valuri li fuqhom hija bbażata l-governanza tajba.

Il-kelliema ewlenija l-Avukat Kholeka Gcaleka, il-Public Protector tal-Afrika t'Isfel, kienet akkumpanjata mill-Ispeaker tal-Kamra u l-Ombudsman ta' Malta.

#### ii. 'Arti għad-Drittijiet' Wirja fil-Parlament

L-Uffiċċju kkummissjona lill-Istitut għall-Arti Kreattiva fl-MCAST biex l-istudenti jipproduċu numru ta' pitturi li jesploraw id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem. Wieħed u għoxrin student, iggwidati mil-lettur anzjan Darren Tanti u l-lettur tal-arti Andrea Pullicino, ikkontribwew billi permezz tas-siegħat volontarji tagħhom

marbuta mar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva ħadmu fuq dawn il-pitturi. Il-wirja se tiftaħ fil-Parlament f'Ottubru 2025 u se tibqa' miftuħa għall-pubbliku matul ix-xahar kollu. Din il-wirja se tagħti lil dawn l-artisti żgħażagħ pjattaforma fl-ogħla istituzzjoni demokratika ta' Malta.

iii. Konferenza Internazzjonali tal-Ombudsman

Il-konferenza internazzjonali ta' jumejn se tlaqqa' flimkien Ombudsmen mill-Assoċjazzjoni tal-Ombudsmen tal-Mediterran, ir-Reġjun tal-Ewropa tal-IOI, il-Bord Dinji tal-IOI, u delegati distinti oħra. Id-diskussjonijiet se jiffokaw fuq erba' temi:

- Il-fiduċja tan-nies fl-istituzzjoni: L-Ombudsman bħala pilastru tad-demokrazija fi żminijiet ta' bidla.
- Il-ħarsien tal-vulnerabbli: Ir-rwol tal-Ombudsman fiż-żamma tad-drittijiet tal-bniedem.
- L-avvanz ta' governanza b'etika: It-tisħiħ tal-integrità u l-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba.
- L-użu tal-innovazzjoni teknoloġika: Ir-rwol tal-Ombudsman fl-era tad-diġitalizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali.

Il-konferenza se teżamina kif l-istituzzjonijiet tal-Ombudsman jistgħu jadattaw għal ċirkostanzi soċjali, politiċi u teknoloġiċi li qed jinbidlu filwaqt li jżommu mal-prinċipji ta' governanza tajba.

iv. Ċerimonja uffiċjali ta' kommemorazzjoni

L-anniversarju se jilħaq il-qofol taċ-ċelebrazzjoni formalment b'ċerimonja fil-Palazz tal-Gran Mastru, taħt l-awspiċi tal-Eċċellenza Tagħha Myriam Spiteri Debono, il-President ta' Malta. Għal dan l-avveniment se jattendu mistiedna lokali u internazzjonali, li se jfakkar b'unur it-tliet deċenji ta' servizz filwaqt li jisħaq dwar l-importanza kostituzzjonali tal-istituzzjoni tal-Ombudsman.

## 5. FRESHERS' WEEK

L-Uffiċċju tal-Ombudsman kompla bil-parteċipazzjoni tiegħu fl-attivitajiet tal-Freshers' Week fl-Università ta' Malta, l-MCAST, u l-ITS, billi jagħti l-appoġġ tiegħu fl-inizjattivi organizzati mill-kunsilli tal-istudenti. L-għan huwa li tissaħħaħ il-viżibilità fost l-istudenti u l-istaff akkademiku, filwaqt li tiġi pprovduta opportunità biex jiġi spjegat ir-rwol u s-servizzi offruti mill-Uffiċċju tal-Ombudsman.

Dawk kollha li żaru l-istand tal-Uffiċċju rċevew informazzjoni, pubblikazzjonijiet, u materjali oħra li jiddeskrivu l-funzjonijiet tal-Ombudsman u l-Kummissarju għall-Edukazzjoni. L-Ombudsman, l-Imħallef Joseph Zammit McKeon, u l-Kummissarju għall-Edukazzjoni, il-Prim Imħallef Emeritus Vincent De Gaetano, attendew it-tliet avvenimenti u ltaqgħu personalment mal-istudenti u l-istaff.

## 6. TAĦDITIET EDUKATTIVI

L-Uffiċċju tal-Ombudsman kompla bil-programm tiegħu ta' taħditiet edukattivi b'kollaborazzjoni mal-iskejjel sekondarji tal-knisja u, fl-aħħar tas-sena skolastika, estenda din l-inizjattiva għall-iskejjel sekondarji pubbliċi. Is-sessjonijiet kellhom attendenza tajba u se jkomplu fis-sena akkademika li ġejja.

Dawn il-laqgħat huma mmirati lejn studenti tas-Sena 10, tas-Sena 11 u tas-Sixth Form, it-taħditiet għandhom l-għan li jżidu l-għarfien dwar il-governanza u r-responsabbiltà ċivika. Huwa l-Kummissarju għall-Edukazzjoni, il-Prim Imħallef Emeritus Vincent De Gaetano, li qed jagħti dan it-tagħrif u jipprovdi ħarsa ġenerali lejn ir-rwol tal-Ombudsman bħala medjatur bejn il-pubbliku u l-awtoritajiet pubbliċi, u jispjega l-kontribut tal-istituzzjoni għall-ekwità u l-ġustizzja fl-amministrazzjoni pubblika.

Il-preżentazzjonijiet iddeskrivew ukoll is-servizzi disponibbli permezz tal-Uffiċċju, il-proċess investigattiv, u r-relazzjoni tal-Ombudsman mal-Parlament. It-temi ewlenin inkludew l-amministrazzjoni pubblika, id-dritt għal amministrazzjoni tajba, l-importanza tat-trasparenza u r-responsabbiltà, u l-ħtieġa li jiġu rispettati l-valuri demokratiċi u l-governanza effiċjenti.

Din l-inizjattiva kellha rispons pożittiv. Bħalissa għaddejjin diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Edukazzjoni biex it-taħditiet jiġu estiżi għall-iskejjel sekondarji kollha tal-istat filwaqt li jibqa' jinżamm il-programm mal-iskejjel tal-knisja.

## 7. RIĊERKA U PUBBLIKAZZJONIJIET

L-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni u r-Riċerka huwa responsabbli għall-pubblikazzjonijiet statutorji tal-Uffiċċju tal-Ombudsman u għat-twettiq ta' riċerka fuq talba tal-Ombudsman u l-Kummissarji.

### i. Każijiet fil-Qosor

Il-pubblikazzjoni tal-Każijiet fil-Qosor tal-2024 tiġbor fiha 36 każ magħżul li jagħtu ħarsa lejn il-firxa wiesgħa ta' tħassib u l-ilmenti trattati mill-Ombudsman u l-Kummissarji speċjalizzati. Kull wieħed minn dawn il-każijiet fil-qosor jiddeskrivi l-kwistjonijiet ewlenin, ir-raġunament wara l-investigazzjoni, u l-eżitu dwaru jew l-azzjonijiet li segwew b'riżultat tar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman. Il-kitba tas-siltiet, it-traduzzjoni għall-Malti, u l-qari tal-provi ġew ikkoordinati internament minn diversi taqsimiet fi ħdan l-Uffiċċju.

### ii. Rapport Annwali

Ir-Rapport Annwali tal-2024 jinkludi fih ir-rapporti annwali tal-Kummissarji speċjalizzati, ħarsa ġenerali lejn l-inizjattivi istituzzjonali, u l-istatistika bit-tagħrif li tirrifletti t-tip ta' każijiet trattati kif ukoll x-xejriet tal-ilmenti mressqa.

### iii. Ombudsplan

Kull sena jiġi ppreżentat l-Ombudsplan lill-Parlament. Dan id-dokument jenfasizza l-kwistjonijiet li fil-fehma tal-Ombudsman jistħoqqilhom diskussjoni ffokata biex jiġu indirizzati. Fih jinkludi wkoll it-talba tal-baġit meħtieġ għall-istituzzjoni mill-Fond Konsolidat. L-Ombudsplan jiġi rivedut u diskuss f'sessjoni ddedikata tal-Kumitat tax-Xogħol tal-Kamra.

### iv. Briefs għall-Ombudsman

L-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni u r-Riċerka jħejji materjal b'tagħrif siewi għall-Ombudsman qabel l-iskedar ta' laqgħat mal-partijiet interessati, intervisti u żjarat uffiċjali barra l-pajjiż.

## 8. TRADUZZJONIJIET INTERNI

Għal diversi snin, l-Uffiċċju ppubblika r-rapporti u l-pubblikazzjonijiet ewlenin tiegħu kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti. Fl-2025, ġie stabbilit ir-rwol ta' Koordinatur tat-Traduzzjonijiet fi ħdan l-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni u r-Riċerka biex jieħu ħsieb il-proċess marbut mat-traduzzjoni ta' kitbiet u pubblikazzjonijiet mill-Ingliż għall-Malti.

## KONKLUŻJONI

L-inizjattivi li ttieħdu matul is-sena li għaddiet jirriflettu l-impenn tal-Uffiċċju tal-Ombudsman li jsaħħaħ il-kuntatt tiegħu mal-pubbliku u mal-istituzzjonijiet li jaħdmu miegħu fil-qadi ta' dmirijietu. Billi jagħti prijorità li titqajjem kuxjenza, li jkun aktar qrib u jagħmel kuntatti, lill-edukazzjoni u lit-trasparenza, l-Uffiċċju jistinka biex il-ħidma tiegħu tkun aktar aċċessibbli, itejjeb il-perċezzjonijiet dwar l-effettività tiegħu, u jafferma mill-ġdid ir-rwol tiegħu bħala l-istituzzjoni indipendenti li tħares id-drittijiet individwali.

Fl-2026, dawn l-isforzi se jkomplu jintensifikaw, b'enfasi akbar fuq kif l-Ombudsman jista' iservi kemm lill-pubbliku kif ukoll lill-amministrazzjoni pubblika. L-inizjattivi, il-kampanji, u s-sħubijiet ippjanati ser ikunu mfassla biex jagħmlu kuntatt akbar ma' firxa wiesgħa ta' udjenzi, u b'hekk isaħħu l-impenn tal-istituzzjoni għal governanza tajba u integrità pubblika.

# PJAN FINANZJARJU

2025/2026

## PJAN FINANZJARJU 2025/2026

### ALLOKAZZJONI TA' FONDI GĦALL-2025

L-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2025 kienet tammonta għal €2,054,600 (Tabella 2.1) u n-nefqa kienet mifruxa fil-kategoriji li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| i) | Salarji u Benefiċċji Personali | € 1,696,410 |
| ii) | Spejjeż Operattivi u ta' Manutenzjoni | € 248,190 |
| iii) | Spejjeż Kapitali | € 110,000 |

L-allokazzjoni effettiva mill-Ministeru tal-Finanzi fil-bidu tas-sena 2025 kienet tammonta għal €2,055,000 skont l-estimi sottomessi għas-sena 2025. Din l-allokazzjoni ġiet rakkomandata għall-approvazzjoni fil-5 ta' Ġunju 2025 fil-laqgħa tal-Kumitat tax-Xogħol tal-Kamra u approvata mill-Parlament fis-Sessjoni Plenarja tas-27 ta' Mejju 2025.

### IMPENN KAPITALI

#### Tkabbir tal-binja/Estensjoni tal-bini

Fl-1 ta' Mejju 2023 l-Uffiċċju akkwista b'kirja l-fond li jinsab bieb ma' bieb mal-Uffiċċju, f'Nru 10 fi Triq San Pawl, il-Belt Valletta. Bħala parti mill-isforzi kontinwi biex nimmodernizzaw u noptimizzaw l-infrastruttura tal-uffiċċju tagħna, beda proġett estensiv li jinvolvi r-restawr sħiħ tal-ispazju tal-uffiċċju li għadu kif ġie akkwistat u l-integrazzjoni tiegħu fil-blokk prinċipali tal-uffiċċju. L-ispazju kien jinsab f'qagħda fejn sofra minn snin ta' negliġenza strutturali, u kien jeħtieġ titjib komprensiv biex tiġi żgurata stabbiltà u funzjonalità fit-tul. Ix-xogħlijiet bdew fi Frar 2025 u mistennija li jitlestew sat-tmiem ta' Ottubru 2025.

Xogħlijiet ewlenin għar-rinnovazzjoni jinkludu:

- **Rinforzar Strutturali**: Wara valutazzjoni dettaljata, żoni kritiċi ġew rinforzati sabiex tiġi ndirizzata nuqqas fl-integrità tal-istruttura. Dan kien jinkludi rinfurzar ta' elementi load bearing u t-tisħiħ tal-qafas strutturali ġenerali.
- **Tibdil ta' Travi tal-Injam**: It-travi tal-injam oriġinali, li maż-żmien kienu ddeterjoraw, tneħħew u ġew mibdula b'elementi alternattivi tal-injam li huma kemm moderni u siguri u li jallinjaw ma' prattiċi ta' disinn modern.
- **Restawr tal-Arkata Prinċipali**: Karatteristika arkitettonika prinċipali li ġiet skoperta waqt ix-xogħlijiet hija l-arkata prinċipali li twassal għall-blokk ċentrali tal-uffiċċji. Din l-arkata qed tiġi restawrata bir-reqqa sabiex terġa' tiġi rripistinata għall-istat oriġinali tagħha. Dan saħħaħ l-istabilità strutturali u kif ukoll isebbaħ l-estetika ġenerali mal-ispazji tal-uffiċċji konnessi.

• Tiġdid tal-Art: Il-madum antik qed jitneħħa u jiġi sostitwit b'madum kontemporanju tat-travertin, li jagħti dehra moderna u finitura pulita li taqbel mal-ambjent eżistenti tal-Uffiċċju.

Il-proġett huwa stmat li se jiswa madwar €180,000 u se jkun iffinanzjat mill-allokazzjoni tal-baġit tal-2025. Ladarba jitlesta, l-ispazju tal-uffiċċju se jkun estiż u rranġat b'mod illi jipprovdi ambjent aktar funzjonali, sigur u estetikament sabiħ kemm għall-istaff kif ukoll għal min jagħmel użu minnhu.

## KONNETTIVITÀ

Wara t-tnedija b'suċċess tal-websajt il-ġdida tagħna, bi pjaċir inħabbru illi l-websajt il-ġdida issa hija kompletament funzjonali u żiedet b'mod sinifikanti l-konnessjoni u l-involviment mal-uffiċċju. Il-websajt moderna u li għamlitha ħafna aktar faċli għal kull min jixtieq jagħmel użu minnha, tejbet l-aċċessibbiltà għas-servizzi tagħna u saħħet il-preżenza diġitali ġenerali tagħna.

L-Uffiċċju kompla għaddej b'din l-ispinta u ħadem fuq il-fażi li jmiss billi ffoka fuq it-tisħiħ tal-infrastruttura tal-IT tagħna biex isostni ż-żieda fl-attività online u tiżgura li jibqa' jingħata servizz konsistenti. Dan inkluda:

- Aġġornament tar-Routers tan-Network: Sostituzzjoni ta' tagħmir antikwat b'routers ta' prestazzjoni għolja biex tittejjeb l-affidabbiltà u l-veloċità tan-network.
- Titjib fil-Konnettività tal-Internet: Tkabbir fil-bandwidth tal-internet biex jintlaħqu d-domandi dejjem jikbru u jiġi żgurat aċċess aktar mgħaġġel u mingħajr interruzzjoni kemm għall-istaff kif ukoll għal dawk kollha li jeħtieġu jagħmlu użu minnu.

Dan it-tibdil u tisħiħ kritiku tlesta f'Lulju 2025 bi spiża totali ta' €5,000, u jiżgura li s-sistemi tal-IT tagħna issa huma mgħammra aħjar biex jappoġġjaw il-ħtiġijiet attwali u t-tkabbir futur.

Dan it-titjib jirrifletti l-impenn kontinwu tagħna lejn eċċellenza diġitali u effiċjenza operattiva.

## BOARDROOM MULTIFUNZJONALI

L-Uffiċċju huwa konxju u jirrikonoxxi illi qiegħed jimraħ u jespandi kemm fl-għanijiet u fid-diversi attivitajiet imwettqa fil-ħidma tiegħu. Għaldaqstant bħalissa għaddejjin diskussjonijiet biex tiġi stabbilita boardroom li hija multifunzjonali għal użu varju. Dan l-ispazju speċifiku ser ikun ddedikat u qed jiġi ddisinjat biex ikun jista' jappoġġja firxa ta' funzjonijiet bħalma huma laqgħat formali, sessjonijiet ta' taħriġ, preżentazzjonijiet u proġetti kollaborattivi.

Il-viżjoni wara din l-inizjattiva hija li jinħoloq ambjent ta' xogħol modern u flessibbli li jtejjeb il-komunikazzjoni, il-produttività u tisħiħ fix-xogħol bejn id-dipartimenti kollha.

Faċilità bħal din ikollha ir-rwol ewlieni li ssawwar is-sistema tal-operazzjonijiet u tipprovdi ambjent professjonali kemm għall-impenji interni kif ukoll għal dawk esterni.

L-istimi inizjali biex issir il-boardroom huma ta' madwar €20,000. Filwaqt li din in-nefqa tirrappreżenta investiment sinifikanti, huwa mistenni li jkun siewi għal tul ta' żmien billi jtejjeb l-effiċjenza u l-effettività ġenerali tal-ħidma operattiva tal-Uffiċċju.

Fil-preżent, il-proġett għadu fil-fażi ta' ppjanar u diskussjoni, għaliex hemm l-intenzjoni li l-boardroom issir fil-bini l-ġdid li bħalissa għadu qed jiġi żviluppat. Id-data antiċipata għat-tlestija hija fi tmiem l-2025, u l-ispiża totali hija prevista li tkun koperta mill-allokazzjoni tal-baġit tal-2025.

Din l-inizjattiva tirrifletti l-mod progressiv kif l-Uffiċċju jimxi 'l quddiem u l-impenn tiegħu li jfassal ambjent ta' xogħol li jiffunzjona u li huwa ta' kwalità għolja.

## PROGRAMM TA' MANUTENZJONI

Il-programm estensiv ta' manutenzjoni fuq l-istrutturi interni tal-injam tal-uffiċċju tlesta fejn saret ħidma partikolari fuq ir-restawr u l-preservazzjoni tat-travi tal-injam. Dan sar wara x-xogħlijiet imwettqa fis-sena ta' qabel fuq l-istrutturi esterni tal-injam, inklużi gallariji, persjani, u l-bibien ta' barra, li huma esposti kontinwament għal elementi ħorox tat-temp. L-investiment kontinwu f'dawn l-aperturi tal-injam jiżgura l-integrità strutturali u estetika fit-tul għall-ambjent tal-uffiċċju.

Bit-tlestija ta' din il-fażi ewlenija ta' manutenzjoni, l-attenzjoni issa se tmur fuq it-tibdil gradwali tal-għamara tal-uffiċini, li ħafna minnha tmur lura għas-snin disgħin. Din l-inizjattiva tifforma parti minn sforz aktar wiesa' biex tittejjeb il-funzjonalità u d-dehra tal-post tax-xogħol, filwaqt li jiġi żgurat li jibqa' adattat għall-iskop tiegħu u jkun allinjat mal-istandards attwali kemm ta' kumdità kif ukoll ta' disinn.

## IMPENJI INTERNAZZJONALI GĦALL-2025/2026

### ENNHRI

Il-Bord tan-Network Ewropew tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem (ENNHRI) aċċetta uffiċjalment li l-Uffiċċju tal-Ombudsman ta' Malta jsir Membru Assoċjat tan-Network. Dan huwa proprju l-ewwel stadju biex l-Uffiċċju tal-Ombudsman ta' Malta jsir membru sħiħ tal-ENNHRI. Id-deċiżjoni li jsir membru tal-ENNHRI tifforma parti mill-isforzi kontinwi mill-Ombudsman biex iwessa' l-mandat tiegħu biex jinkludi l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Malta u bħala tali jimmira li jikseb status ta' livell "A" tal-NHRI. Din l-inizjattiva ser teħtieġ li jinkisbu fondi għall-investiment għat-taħriġ tal-uffiċjali involuti u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar marbut miegħu.

### Istitut Internazzjonali tal-Ombudsman (IOI)

L-Uffiċċju tal-Ombudsman ta' Malta jkompli jinvolvi ruħu b'mod attiv mal-Istitut Internazzjonali tal-Ombudsman (IOI), u jsaħħaħ ir-rwol tiegħu fil-komunità globali tal-ombudsman. Aktar minn hekk in segwitu tal-avveniment importanti tas-sena l-oħra, fejn l-Ombudsman l-Imħallef Emeritus Joseph Zammit McKeon ġie elett kemm fil-Bord Dinji tad-Diretturi tal-IOI kif ukoll fil-Bord Reġjonali Ewropew, l-Uffiċċju huwa kburi jħabbar li l-Imħallef Zammit McKeon issa ġie elett biex iservi bħala Viċi President tal-Bord Reġjonali Ewropew tal-IOI.

Din il-ħatra mhux biss hija kisba importanti li seħħet għall-ewwel darba għall-Uffiċċju tal-Ombudsman ta' Malta iżda tirrappreżenta wkoll rikonoxximent tal-kontribut dejjem jikber ta' Malta fid-djalogu internazzjonali dwar il-governanza tajba, il-kontabbiltà, u l-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini. Il-preżenza kontinwa tal-Imħallef Zammit McKeon fuq il-Bord Dinji tal-IOI tkompli ssaħħaħ il-vuċi ta' Malta fil-livell globali fit-tiswir tal-istandards u l-prattiċi tal-istituzzjonijiet tal-ombudsman madwar id-dinja.

Fid-dawl ta' dawn ir-responsabbiltajiet, u b'konformità mal-impenn tal-Uffiċċju għal rappreżentanza internazzjonali effettiva, saru provvedimenti għall-ivvjaġġar u l-parteċipazzjoni meħtieġa fl-attivitajiet tal-IOI matul l-2025. Impenn bħal dan itejjeb il-kapaċità tal-Uffiċċju li jadotta l-aħjar prattiċi u jsaħħaħ il-missjoni tiegħu li jiżgura l-ekwità u l-ġustizzja fl-amministrazzjoni pubblika.

### Assoċjazzjoni tal-Ombudsmen tal-Mediterran (AOM)

L-Imħallef Zammit McKeon baqa' jokkupa l-kariga ta' Segretarju Ġenerali u Teżorier tal-Assoċjazzjoni tal-Ombudsmen tal-Mediterran (AOM). Matul is-sena li ġejja l-Uffiċċju tal-Ombudsman ta' Malta se jkompli jkollu rwol ċentrali fi ħdan l-Assoċjazzjoni. Huwa antiċipat li l-Laqgħat Eżekuttivi u tal-Bord Governattiv annwali se jsiru f'Malta u dawn huma maħsuba biex ikunu fl-istess żmien li ser issir il-konferenza ta' kull sentejn u l-Assemblea Ġenerali li ġew skedati għal Ottubru 2025. L-ippjanar u l-loġistika għal dawn l-attivitajiet jinsabu fi stadju avvanzat u se jilħqu l-qofol tagħhom fix-xahar ta' Settembru hekk kif jiġu finalizzati t-tħejjijiet kollha għall-avveniment il-kbir.

### Niċċelebraw it-30 Anniversarju

Fl-2025, l-Uffiċċju tal-Ombudsman se jikkommemora t-30 anniversarju tiegħu b'sensiela ta' avvenimenti importanti, bi programm mogħni b'attivitajiet li jenfasizzaw l-importanza tat-trasparenza, il-kontabilità, u l-ħarsien tad-drittijiet tal-persuni fil-governanza demokratika. Matul l-2025, l-Uffiċċju organizza lecture tematika mill-Avukat Kholeka Gcaleka, Protettur Pubbliku tal-Afrika t'Isfel u f'Ottubru se jorganizza konferenza internazzjonali.

## TABELLA 2.1 – TALBA GĦALL-ALLOKAZZJONI FINANZJARJA GĦALL-2026

| DETTALJI | *Allokazzjoni approvata għall-2025*<br>€ | *Allokazzjoni mitluba għall-2026*<br>€ |
|---|---|---|
| Salarji | 1,058,790 | 985,641 |
| Bonuses | 6,214 | 7,020 |
| Dħul supplimentari | 5,572 | 6,298 |
| Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali | 50,100 | 55,000 |
| Allowances | 575,734 | 593,051 |
| *Total ta' dħul personali* | **1,696,410** | **1,647,010** |
| SPEJJEŻ GĦALL-MANUTENZJONI U DAWK OPERATTIVI | | |
| Utilitajiet | 20,000 | 20,000 |
| Materjali u provvisti | 12,000 | 10,000 |
| Tiswija u manutenzjoni | 16,000 | 16,000 |
| Kera | 8,200 | 8,200 |
| Sħubija internazzjonali | 5,300 | 5,300 |
| Servizzi ta' uffiċċju | 10,000 | 10,000 |
| Trasport | 13,000 | 10,000 |
| Ivvjaġġar | 35,000 | 40,000 |
| Servizzi ta' tagħrif | 5,000 | 5,000 |
| Servizzi kontrattwali | 60,000 | 70,000 |
| Servizzi professjonali | 20,000 | 15,000 |
| Taħriġ | 15,000 | 10,000 |
| Ospitalità | 3,000 | 5,000 |
| Programmi ta' Outreach | 25,000 | 25,000 |
| Spejjeż Inċidentali | 600 | 690 |
| *Spejjeż totali operattiv u ta' manutenzjoni* | **248,190** | **250,190** |

| NEFQA SPEĊJALI | | |
|---|---|---|
| Konferenza | 60,000 | - |
| Tagħmir | 50,000 | 105,500 |
| *Total tan-Nefqa Speċjali* | 110,000 | 105,000 |
| **TOTAL** | **2,054,600** | **2,002,700** |

OMBUDSMAN

Address: 11/12, St Paul Street, Valletta, VLT1210
Email: office@ombudsman.org.mt
Tel: +356 2248 3200, 2248 3216

Office opens to the public as follows:

| | |
|---|---|
| October – May | 08:30am – 12:00pm |
| | 01:30pm – 03:00pm |
| June – September | 08:30am – 12:30pm |

Website: www.ombudsman.org.mt
Facebook: Ombudsman Malta